Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

CCTG4/15/MS

John de Giorgio

vs

Joseph Grech - GDA Sales & Services

Illum,11 ta' Novembru 2016

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat fid-9 ta' Marzu 2015 fejn ir-rikorrent talab l-ammont ta' €1,400 u/jew bdil tat-tank ta' solar water heater mixtri minghand is-socjeta' intimata li ma kienx tal-kwalita' pattwita.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata prezentata fit-13 ta' April 2015, fejn eccepiet l-inkonsistenza fit-talba tar-rikorrenti u fit-tieni lok, li r-rikorrenti naqas milli jipprova illi huwa ssodisfa l-kriterji kollha sabiex jitlob riparazzjoni jew bdil taht il-garanzija u cjoe' illi l-unit ma giex "serviced with the replacement of the sacrificial anode and fluid annually" u kien ghalhekk li t-tank ssaddad.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra:

Illi mhuwiex kontestat illi r-rikorrent xtara minghand is-socjeta intimata *solar water-heater* li gie installat ghand ir-rikorrent. Hemm kontroversja pero' dwar it-tip ta' *water-heater* li ried jixtri r-rikorrent u dak supplit eventwalment mis-socjeta' intimata.

Ir-rikorrenti thajjar jixtri l-prodott waqt *trade fair* fejn gie spjegat lilu illil-prodott kien wiehed jahdem biz-zejt u bhala tali, ma kellux bzonn *service* jew *maintenance* hlief topping up wara certa zmien .

It-Tribunal huwa sodisfatt illi r-rikorrent kien car f'mohhu x'kellu jixtri, peress illi f'din il-konversazzjoni inizzjali, kien hemm mieghu martu u huh, li lkoll semghu lir-rapprezentant tas-socjeta' intimata jispjega li s-sistema tahdem biz-zejt. Dan jispjega s-sorpriza tar-rikorrent, meta waqt l-installazzjoni t-tank kien beda jintela bl-ilma. Dak il-hin, ir-rikorrent gie assikurat mit-*technician* illi dina kienet xi haga temporanja sabiex jaraw jekk ikun hemm xi *leakages* umbaghad wara gimgha jintela biz-zejt.

Ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata ighid li ma jiftakarax x'diskors intqal it-*trade fair* imma jaf zgur illi sema' l-*part* maghruf bhala '*sacrificial anode*'. Fuq din il-kwistjoni, it-Tribunal huwa dispost illi jemmen il-versjoni tar-rikorrent li xehed bil-gurament korroborata kif kienet minn martu

u minn huh, anke ghaliex dina kienet l-unika haga li xtraw minghand is-socjeta' intimata mentri ghall-intimat dak in—nhar waqt it-*trade fair,* kellu hafna nies x'jaqdi, kif qal huwa stess u ma setax jiftakar. Di piu' ir-rikorrent qatt ma waqaf issemmi din il-kwistjoni taz-zejt li kienet f'mohhu fil-bidu nett u li dejjem ried li l-*water heater* jahdem b'dik is-sistema.

Illi ghal grazzja tal-argument u anke li kieku r-rikorrent ried li s-sistema jahdem bl-ilma, l-fatt li t-tank kellu jinbidel wara ftit xhur minhabba li kien mikul bis-sadid juri li dan kellu difett li kellu jigi kopert bil-garanzija. Fil-fatt is-socjeta' intimata biddlet it-tank b'iehor gdid, izda anke dan, wara ftit zmien beda johroglu s-sadid. Ir-rikorrent ighid illi sal-lum ghad illi ghandu s-sadid, xorta l-*water heater* ghadu qed jahdem tajjeb, pero' it-Tribunal josserva li dan zgur mhux ser idum ghal xi zmien peress li s-sadid, eventwalment ser itaqqab it-tank u dan ikollu jerga' jigi rijimpjazzat.

Pero' il-kwistjoni principali jibqa' li l-oggett li gie konsenjat lir-rikorrent mis-socjeta' intimata ma kienx dak pattwit bejniethom meta sar il-ftehim ghax-xiri tas-sistema. It-Tribunal huwa sodisfatt fi grad li trid il-ligi li l-ftehim originali kien ghal sistema li tahdem biz-zejt u dak illi gie konsenjat mis-socjeta' intimata, kien jahdem bl-ilma. It-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta' intimata naqset minn wahda mill-obbligi kontrattwali li tissuplixxi dak illi jkun eventwalment identifikat u pattwit bejn il-partijiet.

Darba l-oggett ikun identifikat u l-prezz accettat, il-bejgh huwa legalment konkjuz u hawn jiskattaw l-obbligazzjonijiet legali fuq ix-xerrej u l-bejjiegh. Fuq dak tal-ewwel li jhallas il-prezz miftiehem, u fuq dak tal-ahhar li jikkonsenja l-oggett pattwit.

Ir-rikorrent qeda l-obbligazzjoni tieghu fis-shih meta hallas l-ammont intier. Izda r-rikorrent ma qediex l-obbligazzjoni legali tieghu li jikkonsenja l-oggett miftiehem u minflok ikkonsenja xi haga ohra bi skuza li eventwalment is-sistema tibda tahdem biz-zejt. Pero, fil-fatt dan qatt ma sar.

Illi kwistjoni ohra illi nqalghat hija dwar il-bidu tat-terminu tal-garanzija. Ir-rikorrent ighid li s-sistema giet installata fl-4 ta' Jannar 2012, mentri l-garanzija qeghda tindika id-data 4 ta' Jannar 2011. Hawnhekk ukoll it-Tribunal jidhirlu li ghandu joqghod fuq il-versjoni mhux michuda tar-rikorrent, li fil-fatt is-sistema giet installata f'Jannar 2012 u mhux Jannar 2011. L-unika skuza li s-socjeta' intimata qieghda ggib (f'email ipprezentat mir-rikorrent) hija li s-supplier tieghu ma riedx jaccetta bdil fid-data. Bir-rispett, din hija xi haga ta' bejn is-supplier u l-intimat u m'ghandhiex taffetwa d-drittijiet statutorji tar-rikorrent. Jekk is-sistema giet installata fl-4 ta' Jannar 2012, il-garanzija ta' hames snin tibda tghaddi minn dik id-data u mhux minn sena qabel. Wara kollox hija xi haga ben maghrufa illi meta taqleb is-sena, specjalment fl-ewwel granet, dak li jkun spiss jiehu zball fid-data u jnizzel id-data tas-sena ta' qabel. It-Tribunal wara li ra l-iskambju ta' emails kollha fejn ir-rikorrent ripetutament igib dan il-punt a konjzzjoni tal-intimat (li min-naha tieghu huwa pjuttost evaziv pero' qatt ma jichad jew jinnega li seta' sar dan l-izball) it-Tribunal jidhirlu li x'aktarx huwa dak li gara f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta' intimata li tbiddel it-tank installat ma' iehor li jahdem biz-zejt kif kien originarjament pattwit bejn il-partijiet.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

It-Tribunal jordna wkoll li peress li din hija l-ewwel darba li qed jigi konsenjat l-oggett originarjament miftiehem, ghandha tinghata garanzija ohra ta' hames snin b'effett tad-data tal-installazzjoni tas-sistema li tahdem biz-zejt.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru